MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 1400/2005

**Vincenza Ellul**
**Vs**
**Paola Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta' l-attrici li bih talbet lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenuta thallasha l-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225), rapprezentanti nofs il-kera tal-fond 15, Triq il-Karmnu, Paola ghax-xhur bejn Novembru, 2004 u l-ahhar ta' April, 2005 u dan wara li l-uzufrutt tal-fond imsemmi ghadda b'wirt f'zewg porzjonijiet bejn l-attrici u l-konvenuta;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-6 ta' Mejju, 2005 u t-18 ta' Mejju, 2005 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv;

Ra r-risposta tal-konvenuta li ecceppiet is-segwenti:-

(i) illi l-attrici Vincenza Ellul kienet l-amministratrici tal-beni ta’ Carmela Galea illum mejta, u cioe’, ta’ omm l-istess attrici u l-konvenuta Paola Galea, u dan kien jinkludi l-amministrazzjoni tal-kirijiet in kwistjoni u cioe’ tal-fond bin-numru 15, Triq il-Karmnu, Paola.

(ii) illi l-attrici naqset milli taghti rendikont ta’ l-amministrazzjoni relattiva minnha gestita matul hajjet ommhom, u kif ukoll li taghti sehemha mill-ispejjez ghall-funeral ta’ l-istess Carmela Galea li jammontaw ghal circa tmien mitt lira Maltija (Lm800), bir-rizultat li tali spejjez thallsu kollha mill-konvenuta Paola Galea.

(iii) Illi l-kera tal-fond odjern, ghall-perjodu indikat fl-avviz u cioe’, mill-1 ta’ Novembru, 2004 sa April, 2005, li jammonta ghal erba’ mija u hamsin lira Maltija (Lm450) gie uzat mill-konvenuta biex thallas parti mill-istess spejjez tal-funeral ta’ Carmela Galea.

(iv) Illi ghar-ragunjiet premessi l-ammont pretiz mil-attrici minghand il-konvenuta mhux dovut.

(v) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-perjodu li ghalih l-attrici qed titlob il-hlas rapprezentanti l-kera mhallsa lill-konvenuta ghall-fond *de quo* mhux korrett u dan ghaliex omm il-partijiet, cioe’ Carmela Galea, mietet fl-14 ta’ Novembru, 2004, u ghalhekk l-hlas rapprezentanti l-kera ghall-perjodu bejn l-1 u l-14 ta’ Novembru m’ghandux jigi kkalkolat ghall-finijiet tat-talba attrici.

(vi) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Inoltre l-konvenuta pprezentat kontro-talba fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-attrici thallasha is-somma ta’ mitt lira Maltija (Lm100) rapprezentanti s-sehem ta’ l-ispejjes ta’ l-attrici konnessi mal-funeral ta’ ommhom Carmela Galea, li gew mhallsa kollha mill-konvenuta;

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

L-attrici pprezentat ir-risposta taghha ghall-kontro-talba tal-konvenuta u eccepiet s-segwenti:-

(i) illi l-pretensjonjiet vantati minn Paola Galea fil-kontro talba taghha huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.

(ii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, Paola Galea qatt ma tat rendikont tax-xoghol allegatament maghmul minnha ghall-funeral in kwistjoni, qatt ma talbet ghall-kunsens ta’ l-ahwa ghal istess u qatt ma pprezentat ricevuta fiskali ghall-ispejjes allegatament maghmula minnha.

(iii) Illi Paola Galea kienet tamministra l-flejjes tal-mejta Carmela Galea li mal-mewt taghha kellha ‘l fuq minn elf lira (Lm1000) in kontanti u ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghas-suespost, Paola Galea gia’ ippercepiet l-ispejjes allegatament minnha inkorsi u dan peress li dawn il-flejjes u dehebijiet inzammu kollha mill-istess Paola Galea. Dan kollu minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni spettanti lill-eccipjenti ghall-irkupru ta’ sehemha minn dawn il-flejjes u dehebijiet.

(iv) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ l-attrici li tispjega li hi oht il-konvenuta. Tghid li meta ommhom mietet fl-14 ta’ Novembru, 2004, fid-dar taghha kien hemm flus kontanti fl-ammont ta’ tlett mija sitta u tlettin lira Maltin (Lm336), rapprezentanti zewg cekkijiet tal-pensjoni li kienu gew imsarrfa. Kien hemm sittax-il lira supplimentari;

Tikkonferma li hi kienet issarraf dawn ic-cekkijiet u kienet tghaddi l-flus lill-ohtha kull meta kienet titlobha;

Fil-kcina kien hemm tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) f’*envelopes* u tlett mitt lira f’baskett fil-komodina fejn ommha kienet izomm id-deheb;

Il-konvenuta kellha f’idejha l-kera tal-forn numru 15, fi Triq Karmnu, Rahal Gdid ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Novembru, 2004 u l-ahhar ta’ April, 2005, li flimkien kienu jammontaw ghal erba’ mija, tnejn u hamsin lira Maltin (Lm452). Tghid li minn dawn kien hemm hamsa u tlettin lira Maltin (Lm35)

li kellhom jinqassmu bejn l-ahwa l-ohra, filwaqt li skond it-testment il-bqija tal-kera kellha tinqasam bejnha u bejn il-konvenuta, izda l-flus baqghu ghand din ta' l-ahhar u ghalhekk saret il-kawza;

Tghid li fid-dar ta' ommhom kien hemm bizzejjed flus ghal funeral u l-flus li kien hemm kellhom jinqassmu bejn l-ahwa;

Tghid ukoll li ghal dak li jirrigwarda d-denunzja huma kienu qabbdu perit li kien ghamel stima aktar baxxa minn dak il-perit mqabbad mill-konvenuta, li fil-fatt kellu jaghmel tnejn ghaliex l-ewwel wahda kienet timmarka valuri aktar baxxi minn dawk ta' llum;

L-attrici tkompli tinsisti li kien hemm deheb fid-dar ta' ommhom u dan minkejja li ohtha kienet tibqa' tinsisti li ma kienx hemm la flus kif anqas dehebijiet;

Hi tghid li dejjem tat il-kontribut taghha fid-dar t'ommha u anke fil-forn u kienet baqqghet tahdem hemm anke meta l-konvenuta kienet waqqfet taghmel xoghol minhabba l-eta';

L-attrici tghid li hi qed titlob ghal sitt xhur kera tal-forn immarkat numru 15, Triq Karmnu, Rahal Gdid u dan bhala sehemha mill-wirt ta' ommha u dan jammonta ghal mitejn u tmien liri Maltin (Lm208) u dan peress li l-forn huwa mikri bir-rata ta' zewg Liri u nofs Maltin (Lm2.50) kuljum u ghalhekk tigi li qed titlob Lirq u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1.25c) ghal kull gurnata mill-14 ta' Novembru, 2004 (id-data meta mietet ommhom) sat-30 ta' April, 2005;

Tghid li ghamlet din il-kawza tard peress li t-testment kien infetah biss f'Marzu, 2005 u hemm biss kienet saret taf x'kien ighid dan it-testment;

Id-denunzja saret madwar xi sena wara l-mewt;

In kontro-ezami, l-attrici tghid li hi kellha prokura minghand ommha sabiex issarraf ic-cekkijiet tal-pensjoni u sakemm mietet fl-14 ta' Novembru, 2004 kienet sarfet

zewg cekkijiet ta’ mija tmienja u sittin lira Maltin (Lm168) kull wiehed. Sakemm mietet ommhom ma kienitx lahqet tatha l-flus, izda kienet sarfithom u kienet hallithom go kexxun;

Tikkonferma li fuq dan kollu kienet infurmat lill-ohtha. Tghid ukoll li t-testment kien inqara’ ghal habta ta’ Marzu tas-sena 2005;

Tikkonferma ukoll li ohtha kienet hallset l-ispejjes tal-funeral minn flusha u mbaghad kienet hadet mill-flus li kien hemm t’ommhom;

Ra x-xhieda ta’ Emmanuel Ellul, bin l-attrici li jikkonferma li fid-dar ta’ nanntu kien hemm diversi flejjes u dehebijiet u dan seta’ jikkonfermah ghaliex gieli kien presenti waqt xi diskursati bejn ommu u l-konvenuta;

Jikkonferma ukoll li l-konvenuta kienet tinsisti li kien hemm bizzejjed flus fid-dar ta’ ommhom sabiex jithallsu l-ispejjes tal-funeral, anzi kienet tati l-impressjoni li kien hemm aktar minn hekk. Il-flus kellhom jinqassmu ugwali bejn l-ahwa;

Ix-xhud jispjega illi l-ammonti l-ohra mitluba mill-konvenuta kienu jirrigwardaw d-denunzja u jispjega illi ommu, Antonia Deguara, Lucy Agius u Mary Lisci, ahwa, kienu qabbdu perit li ghamel stima anqas minn dak tal-perit mqabbad mill-konvenuta li kien jammonta ghal mitejn lira Maltin (Lm200) u dan peress li kien ghamel xi stima baxxa ghal prezzijiet ta’ llum. Apparti minn hekk il-konvenuta qatt ma kienet ipprezentat ircevuta fiskali relattiva tal-perit;

Ix-xhud jikkonferma li l-konvenuta u Doris Deguara, ohthom kienu ghamlu minn kollox sabiex idawwru lill-ahwa kontra l-attrici u fil-fatt kienu hebbew ghaliha, kif ukoll il-konvenuta kienet bidlet is-serratura tal-bieb tad-dar t’ommhom fejn l-attrici kienet ilha tghix ghal sbatax-il sena u dan fuq talba ta’ ommha peress li kienet armla. Meta hebbew ghaliha kellha titlaq mid-dar;

Il-bqija, ix-xhud jikkonferma dak kollu li qed tippretendi l-attrici;

Ra x-xhieda tal-konvenuta li tikkonferma l-ispejjes kollha relatati mal-funeral u li thallsu . Il-konvenuta tikkonferma li meta mietet ommhom kien hemm tlett pensjonijiet u tlett mitt lira (Lm300) go baskett u tghid li dawn uzathom sabiex thallas l-ispejjes tal-funeral. Wara tghid li saret taf li kien hemm testament u li skond it-testment, il-kera tal-forn kellu jinqasam bejnha u bejn l-attrici;

Tghid li ma setghatx tikkonferma l-ammont ta’ spejjes li kienet hallset ghall-funeral;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra s-sottomissjonijiet ta’l-attrici;

Ikkunsidra

Din il-kawza, sfortunatament hija wahda tipikament kombattuta fil-Qrati taghna fuq kwistjoni ta’ wirt bejn l-ahwa u t-Tribunal ser ikollu jiddeciedi fuq affarijiet u ammonti zghar, ghaliex il-kontendenti ahwa ppreferew jimpikaw milli jaslu ghal ftehim;

L-attrici qed issostni li hi ghandha nofs l-uzufrutt tal-forn li kellha ommhom fi Triq Karmnu, Paola u konsegwentement ghandha tithallas nofs il-kera li hadet ohtha l-konvenuta fl-ammont ta’ mitejn hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225) ghal perjodu bejn Novembru, 2004 u l-ahhar ta’ April, 2005;

Minn naha l-ohra, l-konvenuta qed issostni li hi hallset l-ispejjes kollha tal-funeral u li ghalihom qatt ma kkontribwiet l-attrici u sabiex hallset dawn l-ispejjes uzat il-flus tal-kera tal-forn, Fil-fatt, intavolat kontro-talba fejn talbet l-attrici thallasha mitt lira (Lm100) ghall-ispejjes tal-funeral;

It-testment ta’ omm il-partijiet gie esebit u fir-raba’ klawsola hemm ikkonfermat il-bazi ta’ dak li qed titlob l-attrici u cioe’ li ghandha dritt ghan-nofs il-kera li hadet il-konvenuta ghal perjodu bejn Novembru, 2004 u April, 2005;

Oltre minn hekk, il-konvenuta qatt ma nnegat li l-attrici ghandha dan id-dritt, anzi tammetti li hadet dawn il-flus tal-kera, li flimkien jammontaw ghal erba mija u hamsin lira Maltin (Lm450) u tallega li uzathom ghall-funeral t’ommhom;

Stabbilit dan il-punt, t-Tribunal irid janalizza u jevalwa l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, kif ukoll il-kontro-talba;

L-ewwelnett, jirrizulta li kien hemm diversi flus li omm il-partijiet kienet izzomm id-dar. Jidher li kien hemm zewg pensjonjiet li ssarrfu u dawn kienu jammontaw ghal mija tmienja u sittin lira Maltin (Lm168) il-wiehed, (u cioe’ Lm336), kien hemm xi tlett mija u hamsin  lira (Lm350) go kexxun u xi tlett mitt lira (Lm300) ohra go xi baskett;

Jidher li dawn l-ammonti ma gewx ikkontestati mill-konvenuta u kienu jammontaw ghal circa elf lira Maltin (Lm1000). Minkejja dan,il-konvenuta tinsisti li l-attrici kienet tamministra l-flus t’ommha. It-Tribunal ihoss li mill-verzjoni tal-provi prodotti, hija aktar propensa li temmen il-verzjoni ta’ l-attrici u dan meta l-attrici qalet li hi kellha biss prokura t’ommha sabiex issarraf il-pensjonijiet taghha u apparti minn hekk qatt ma hbiet dan il-fatt lill-ohtha l-konvenuta, tant li din ta’l-ahhar qabdet u hadet dawn il-flus;

L-attrici tghid li hi kienet tiehu hsieb lill-ommha u tghin lill-ohtha u li kienet marret toqoghod maghhom fuq insistenza t’ommha meta romlot. Bil-mod kif il-konvenuta gestit il-flus, organizzat il-funeral bla ma nfurmat lill-hutha jew talbet il-kunsens taghhom, jidher difficli li wiehed jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuta li kienet l-attrici li kienet tamministra l-flus u ghalhekk kien fl-obbligu taghha li taghti rendikont tal-flejjes li intefqu;

Semmai, mill-provi prodotti c-cirkostanzi iwasslu ghal konkluzzjoni wahda – li kienet il-konvenuta li kienet tiehu hsieb li tamministra l-assi ta' ommhom, tant hu hekk li meta l-attrici tentat tiehu dak li haqqaha, spiccat biex giet imsawwtha minn hutha u mkeccija barra mid-dar mill-konvenuta;

Issa, l-konvenuta tippretendi li ghandha tithallas ta' l-ispejjes tal-funeral, li bhala total jammontaw ghal seba' mija wiehed u disghin lira, sitta u disghin centezmu (Lm791.96). Minnhom, l-attrici qed tikkontesta l-kont tal-perit ghaliex tghid li kien daqshekk peress li l-ewwel stima li kien ghamel kienet baxxa wisq ghal valuri ta' llum;

Xorta wahda pero', jirrizulta li anke wara li thallsu l-ispejjes tal-funeral, kien ghad fadal flus u taghhom, ghalkemm qatt ma kkontestat l-ammonti, l-konvenuta ma tatx rendikont ta' x'bilanc kien fadal, meta zgur il-flus kontanti kienu jeccedu bi ftit l-elf lira Maltin (Lm1000). It-Tribunal ihoss li ghandu jemmen il-verzjoni ta'l-attrici li dawk il-flus nzammu mill-konvenuta;

L-attrici tissottolinea li hi qed titlob il-kera fl-ammont ta' mitejn u tmien liri Maltin (Lm208) u dan minhabba li hi qed tikkalkola l-ammont mill-14 ta' Novembru, 2004 u dan meta mietet ommhom u ghalhekk mill-ammont ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) ghandhom jitnaqqsu hamsa u tlettin lira Maltin (Lm35). Ghalhekk sehemha jammonta ghal mitejn u tmien liri Maltin (Lm208);

Fl-ahharnett, it-Tribunal ghandu jiddeciedi l-kontro-talba, cioe', jekk l-attrici ghandha thallas sehemha ta' l-ispejjes tal-funeral. It-Tribunal josserva li arbitrarjament, il-konvenuta hadet decizjoni u organizzat funeral bla ma avzat il-hadd dwar l-istess organizzazzjoni. Il-bqija tal-flus zammithom li circa jammontaw ghal madwar sitt mitt lira (i.e Lm300 u Lm350), meta l-attrici zgur ghandha dritt ghal 1/8 bhala sehemha minn dawn il-flus;

Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li ma jkunx gust li l-attrici thallas mitt lira (Lm100) lill-konvenuta bhala kontribuzzjoni ghall-ispejjes tal-funeral, meta indubbjament il-konvenuta zammet aktar flus ghaliha, meta ghandha tiehu sehemha

mill-kera,kif ukoll sehemha mill-bilanc tal-flus li circa kien jammonta ghal xi sitt mitt lira (Lm600). F'dan il-kuntest,it-Tribunal jaccenna ghal fatt li lanqas hadd mill-partijiet ma gab xi provi dwar jekk l-ahwa l-ohra hallsux ghal dawn l-ispejjes u jekk hadux sehemhom mill-bilanc ta' flus li kien fadal u ghalhekk ikun aktar ingust ghall-attrici jekk jigi impost fuqha li tikkontribiwixxi ghal dawn l-ispejjes;

Dwar id-dehebijiet, it-Tribunal ihoss li m'ghandux provi bizzejjed sabiex jasal ghal konkluzzjonjiet u ghalhekk qed jeskludihom mill-konsiderazzjonijiet tieghu dejjem s'intendi bla pregudizzju ghad-drittijiet reciproci tal-partijiet;

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-attrici limitatament ghas-somma ta' mitejn u tmien liri Maltin (Lm208) u jordna lill-konvenuta thallas din is-somma lill-attrici, rapprezentanti, nofs sehemha tal-kera tal-fond numru 15, Triq il-Karmnu, Paola ghal-perijodu fuq imsemmi, u tilqa' l-eccezzjonjiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuta li qed tigi respinta.

L-ispejjes tal-kawza jigu sopportati kwant ghal-sesta parti mill-attrici u kwantu ghal kumplament mill-konvenuta. Dawk relattivi ghal kontro-talba ikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------